**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 205/2021 RM**

**L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi il-Kurunell Alexander Dalli**

**-Vs-**

1. **Christine Amaira bħala awtur tal-artikolu fil-gazzetta Il-Mument**
2. **Alex Attard bħala Editur tal-gazzetta Il-Mument u**
3. **Dione Borg bħal Editur tal-gazzetta Il-Mument**

**Illum, 20 ta' Novembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Settembru 2021 li permezz tiegħu l-attur, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi l-Kurunell Alexander Dalli, talab il l-konvenuti jħallsuh dik is-somma li l-Qorti tiddetermina ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama li huwa sofra meta bħala awtur u edituri rispettivament tal-artikolu intitolat Alex Dalli mhux postu hemm-Eks habsi jiżvela x'jiġri wara l-bibien ta' Kordin ippublikat fil-gurnal stampat il-Mument,

nhar il-Ħadd 29 t'Awwissu, 2021, tajt malafama lill-attur b'allegazjonijiet foloz u malafamanti fejn, fost oħrajn, allegajt, li huwa kien responsabbli ta' aġir abbuziv permezz ta' theddid serju ktiebt il-kliem u nikkwota dirett mill-artikolu "is-Sur Dalli rrabja hafna hafna, jirrakonta r-ragel. Jghid li Alex Dalli beda jghidilhom li lilu hadd ma jbezzgh. Qabad ir-revolver u tefaghhulna ma' rasna, Qed tarah dan? Qed tarah dan? inbattlu go raskom! Dak hu s-Sur Dalli" (kopja tal-artikolu relattiv mehud fid-29 t' Awwissu 2021 mehmuza bhala Dokument A).

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ngunti minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenuti kollha, Christina Amaira, Alex Attard u Dione Borg fit-18 ta' Ottubru 2021 fejn eċċipew:-

*Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontrih għas-segwenti raġunijiet-*

1. *Illi in limine litis, dan huwa libell li ppreżenta l-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Servizzi Korrettivi Kur. Alexander Dalli kontra Christine Amaira bħala awtur tal-artikolu fil- gazzetta l-Mument u Alex Attard u Dione Borg bħala edituri tal-gazzetta l-Mument. Is-Sur Alex Attard ma jokkupax il-kariga ta' editur ta' din l-istess gazzetta u għaldaqstant għandu jiġi liberat minufih mill-gudizzju;*

2. *Illi l-intimati, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preleminari, jeċepixxu li dak publikat kien publikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku ergo koperta taħt l- Artikolu 5(1)(a) tal-Kap. 579 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-dak ġja sottomess preċedentament, jiġi rilevat li dak ipubblikat/stampat kien diġa mogħti pubbliċita' u aċċessibli għal pubbliku fuq mezzi tax-xandir pubbliċi kif irrapurtat f'diversi ġurnali lokali u għaldaaqstant kopert taħt l- Artikolu 4 sub-artikolu (4)(a) tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-dak sottomess in subordinazzjoni għall-istess, partijiet minn dak li ġie pubblikat/stampat fl-artikolu huwa sostanzjalment vera u għalhekk kopert taht l-istess Att Dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579) fl-Artikolu 4 sub- artikolu 1(a);*

5. *Illi di piu', dejjem mingħajr preġudizzju għall-dak sottomess peress li partijiet minn dak ippublikat fl-artikolu de quo jikkonsisti in parti f'dikjarazzjoni ta' opinjoni li persuna onesta jista' jkollha dwar persuna pubblika f'materja ta' interess pubbliku u għalhekk, koperta taħt l-Artikolu 4(2) tal-istess Att hawn fuq ċitat, aċċettabbli f' socjeta' demokratika u eżerċizzju tal-liberta' ħielsa tal-espressjoni sanċita, inter alia, kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

6. *Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-artikolu in kwistjoni mhuwiex libelluż u/jew malafamenti fil-konfront tar-rikorrent u jeħtieg li jkun r-rikorrent stess li jipprova li l-artikolu kien defamatorju u kkawza jew setgħa jikkawża ħsara fir-reputtazzjoni tieghu;*

7. *Salv eċċezjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet tagħha mogħti fit-18 ta' Novembru 2021 għall-fini tal-artikolu 10 tal-Kapitolu 579 fejn wara li semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet, qieset li l-kawża ma tistax tiġi riżolta bi proċess ta' medjazzjoni u għaldaqstant ordnat is-smigħ tal-provi biex il-kawża tiġi deċiża minnha;

Rat in-nota ta' ċessjoni tal-kawża ppreżentata fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2021 li permezz tagħha l-kawża ġiet ċeduta limitament fil-konfront tal-konvenut Alex Attard;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur ħassu malafamat bl-artikolu li ġie pubblikat fil-ħarġa tal-gazzetta il-Mument tal-Ħadd 29 ta' Awwissu 2021 intestat "***Alex Dalli mhux postu hemm – Eks ħabsi jiżvela x'jiġri wara l-bibien ta' Kordin"***. Ħassu aggravat speċifikatament bis-segwenti bran li ġie riprodott espressament fir-Rikors promotur kif ukoll indikat bil-kulur oranġjo fil-kopja tal-artikolu annessa mar-Rikors promotur 'Dokument A':-

"*Is-Sur Dalli rrabja ħafna", jirrakkonta r-raġel. Jgħid li Alex Dalli beda jgħidilhom li lilu ħadd ma jbeżżgħu. "Qabad ir-revolver u tefagħhulna ma' rasna. 'Qed tarah dan? Inbattlu ġo raskom!' Dak hu s-Sur Dalli" jgħid l-eks priġunier."*

Għalkemm l-attur fir-Rikors promotur ta x'jifhem bl-użu tal-kliem "*fost oħrajn*", illi hemm iktar brani fl-artikolu impunjat li ħassu malafamat bihom, l-avukat tiegħu rreġistra dikjarazzjoni espressa fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2021 biex jippreċiża illi l-bran allegatament malafamanti għall-attur mill-artikolu sħiħ li jinsab anness mar-Rikors promotur, huwa dak immarkat bil-kulur oranġjo u riprodott verbatim fl-istess Rikors.

Għaldaqstant, il-Qorti sejra tillimita l-istħarriġ tagħha għall-istqarrijiet formanti s-silta espressment indikata mill-attur sabiex tiddetermina jekk, meħudin fil-kuntest tal-pubblikazzjoni kollha, dawn iwasslu imputazzjoni li hija diffamatorja għall-attur.

Tibda biex tosserva li b'mod ġenerali, l-artikolu jidher li jsegwi stejjer oħrajn li kienu qed jiġu rapportati f'dak il-perijodu in konnessjoni mal-istil tat-tmexxija tal-attur bħala Kap Eżekuttiv tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u r-realta' tas-sitwazzjoni fil-ħabs. Speċifikatament, l-artikolu jibda biex jagħmel referenza għall-pubblikazzjoni ta' intervista li saret minn ġurnal ieħor lil ċertu Anthony Borg li kien skonta sentenza ta' ħabs meta l-ħabs kien taħt it-tmexxija tal-attur. Din l-intervista li jidher li wasslet

lil persuna oħra li kienet għadha kif ġiet rilaxxata mill-ħabs u li xtaqet tibqa' anonima, biex titkellem lill-gazzetta 'il-Mument'.

Din il-persuna fetħet qalbha dwar diversi episodji tal-waħx li seħħew fil-ħabs fosthom trattament ħażin, indinjituż u kiefer tal-priġunieri, u ddeskriviet ukoll in-nuqqas sistematiku ta' attenzjoni u għajnuna da parti tal-awtoritajiet tal-ħabs lill-bżonnijiet tal-priġunieri kif ukoll episodji ta' intimidazzjoni u theddid ta' vjolenza fuq il-priġunieri mill-uffiċjali korrettivi u wkoll mill-attur, anke b'mezzi ta' kastig mhux ortodossi - fosthom theddid b'arma tan-nar u l-użu ta' siġġu tal-kastig. L-artikolu jirrapporta il-verżjoni tal-attur Alexander Dalli mogħtija lill-gazzetta illi l-użu ta' *restraint chair* isir biss fuq ordni tat-tabib. Fost diversi episodji rakkontati mill-intervistat anonimu, jissemma okkażjoni partikolari fejn l-attur kien irrabjat ħafna meta sar jaf li waqt telefonata, l-intervistat u żewġ priġunieri oħra kienu talbu lill-mara ta' wieħed minnhom biex iċċempel lil Peppi Azzopardi biex tgħidlu li trid tinfetaħ kawża dwar l-abbużi li kienu qed iseħħu ġewwa l-ħabs. Ġie rapportat illi l-attur mar flimkien ma' numru ta' gwardjani tal-ħabs, ilkoll armati, u kien għamel revolver ma' rashom u heddidhom li jisparalhom.

Skont dak li ntqal mill-intervistat anonimu, kif rapportat fl-artikolu, l-abbuż sistematiku fil-ħabs ħalaq ambjent ta' biża' fil-ħabs u nissel ukoll problemi ta' saħħa mentali kif ukoll sensiela ta' suwiċidji fost il-priġunieri li kienu qed ibatu fis-silenzju taħt tmexxija da parti tal-attur. It-tmexxija tal-attur ġiet deskritta bħala waħda li m'hijiex xierqa u f'lokha għal ġo ħabs.

L-attur jgħid li ħassu malafamat bl-istqarrija fl-artikolu in diżamina li huwa pponta revolver ma' ras xi priġunieri. Ma jirriżultax li qed jikkontesta l-fatt li huwa kien irrabjat meta sar jaf li xi ħadd minn dawn il-priġunieri ċempel biex isir rapport dwar l-abbużi li kienu qed isiru fil-ħabs iżda jiċħad li hedded lill-priġunieri billi ħareġ revolver u heddidhom biha.

**Ray Zammit** li kien id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fil-passat, xehed illi fi żmienu l-ebda uffiċjal tal-ħabs ma kien iġorr arma tan-nar jew lembuba fuq il-persuna tiegħu ġewwa l-ħabs fl-eżekuzzjoni ordinarja ta' dmirijiethom, lanqas għall-fini ta' spezzjonijiet jew rondi, għalkemm il-ġarr tal-arma m'huwiex illegali u huwa permess f'ċirkostanzi speċjali. Fisser, iżda, illi f'każ li tinqala' sitwazzjoni ta' emerġenza li teħtieġ l-użu ta' arma, bħal per eżempju minħabba kondotta aggressiva da parti ta' priġunier, jissejjaħ għall-intervent ta' *Special Response Team* (SRT) li huwa mħarreġ speċifikament. F'kull każ jeżisti protokoll għall-użu ta' arma li jeħtieġ li jiġi segwit f'każ li jinġarr arma fuq persuna ġol-ħabs.

**Abraham Zammit** li kien id-Direttur tal-Ħabs bejn is-sens 2008 sal-2013, ikkonferma dan u xehed illi għalkemm iktar remotament, qabel laħaq Direttur, kien hemm żmien fejn bil-lejl il-gwardjani kien iġorru fuqhom arma, fiż-żmien meta kien imexxi l-ħabs, kien hemm biss żewġ armi fil-ħabs u dawn ma kienux jinżammu fl-idejn iżda msakkrin ġo safe mhux ikkargati. Dawn kienu jinżammu għall-eventwalita' ta' emerġenza u għall-użu waqt skorta ma' għadd żgħir ta' priġunieri partikolari, kemm għas-sigurta' tal-gwardjani kif ukoll għas-sigurta' tal-priġunieri nfushom. Madanakollu, skont il-protokolli interni, l-arma kienet tinġarr mhux mill-uffiċjal li kien qed jakkumpanja lill-priġunier fil-vann tal-ħabs, iżda mill-uffiċjal fil-karozza li ssegwi l-vann. Għall-bqija, ikkonferma li ma kienux jinġarru armi fil-ħabs u bħala Direttur ma kienx iġorr arma fuqu. Spjega wkoll li maż-żmien l-iskorta tal-priġunieri beda jieħu ħsiebhom l-SRT.

**Il-konvenuta Christine Amaira**, l-awtur tal-artikolu impunjat, ġurnalista ta' erba' snin esperjenza, xehdet illi kienet tirċievi personalment kif ukoll permezz tal-kamra tal-aħbarijiet fejn taħdem, informazzjoni dwar abbuż fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin taħt it-tmexxija tal-attur. Hi bdiet tinvestiga dawn l-allegazzjonijiet flimkien ma' kollegi oħrajn ġurnalisti u kkonfermat li dak iż-żmien kienu qed jiġu pubblikati diversi stejjer oħrajn fil-mezzi tax-xandir lokali fir-rigward l-istess materja. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni bdiet tiltaqa' ma' stejjer ta' tmexxija bil-vjolenza u intimidazzjoni u tmexxija awtokratika fil-ħabs li kienu ta' tħassib għaliha u għal ġurnalisti oħrajn,

magħdud dan numru allarmanti ta' suwiċidji u mwiet fil-ħabs li bdew iseħħu minn mindu l-attur kien ħa taħt idejh it-tmexxija tal-ħabs f'Ġunju 2018. Ikkonfermat illi f'inqas minn sentejn, bejn il-11 ta' Diċembru 2018 u l-10 ta' Novembru 2021, mietu tlettax-il priġunier.

Il-konvenuta xehdet illi fil-fehma tagħha l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru kif ukoll in-numru allarmanti ta' mwiet fil-ħabs, kienu serji u għaliha kienu jfissru li l-ispirtu ta' rijabilitazzjoni li huwa parti integrali mill-perijodu ta' inkarċerazzjoni, kien kompletament mankanti fil-ħabs u minflok, kien qed jirrenja abbuż sistematiku tad-dinjita' u nuqqas assolut ta' rispett għad-drittijiet tal-priġunijeri, fosthom permezz ta' implimentazzjoni arbitrarja u abbużiva tar-reklużjoni. Il-konvenuta fissret ukoll li kien tħassib anke fuq livell politiku fl-istat tal-ħabs tant illi fid-9 ta' Awwissu 2021 il-Ministru tal-Intern u Siġurta' Nazzjonali ħatar bord ta' inkjesta biex jiġu evlwati l-proċeduri interni tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi filwaqt li l-Ombudsman ħabbar li fl-4 ta' Novembru 2021 beda jinvestga l-possibbilita' ta' malamministrazzjoni sistematika li jidher li kien qed jirrenja ġewwa l-ħabs.

Il-konvenuta irriferiet għal avviż iffirmat mill-attur, imwaħħal ġewwa l-ħabs, li kien ġie riprodott f'artikolu ppubblikat fil-ġurnal Times of Malta fit-28 ta' Jannar 2021. Dan l-avviż, li l-konvenuta qalet jirrifletti l-kunċett ta' biża' li l-attur kien qed jimplementa fil-ħabs, jgħid hekk:-

"*Jekk il-vjolenza u l-kriminalita' għandhom ikunu mrażżna, aħna l-uniċi nies li nistgħu nagħmluha. Il-priġunier ma jibżax mill-Pulizija, mill-imħallef jew mill-ġurija. Għalhekk, huwa x-xogħol tagħna li ngħallmu l-biża'. Merħba fil-Ħabs!*"

Dwar l-artikolu impunjat f'din il-kawża, il-konvenuta fissret li dan kien il-frott ta' informazzjoni li wasslitilha mingħand eks-priġunier li fetaħ qalbu magħha dwar dak li kien esperjenza fil-ħabs taħt it-tmexxija tal-attur. L-intervistat ried li l-intervista tiġi pubblikata u din ġiet ukoll rikordjata awdjo-viżwalment iżda b'mod anonimu, u din pubblikata fuq is-sit elettroniku ta' Net News. Ikkonfermat illi l-istqarrijiet impunjati

speċifikatament mill-attur f'din il-kawża huma kliem l-intervistat innifsu, kif jirriżulta wkoll mill-intervista li xxandret fuq l-*online portal* ta' Net News.

Xehdet:- "*L-emozzjoni li biha rrakkonta l-incident u l-informazzjoni kien jindika li r-raġel ma kienx qed jigdeb. Lanqas ma kelli xi raġuni li ġġiegħlni (sic) naħseb li r-raġel kellu aġenda moħbija li jigdeb biex ipoġġi f'dawl ikrah lil Alexander Dalli jew lit-tmexxija tal-faċilita' għal skopijiet ulterjuri.*"

Affermat ukoll li l-intervistat kien ċert mill-verżjoni tiegħu u f'ebda ħin ma indika li ried jibdel il-verżjoni u hija ma kellha ebda dubju li r-raġel ma kienx qed jigdeb dwar dak li qal fl-intervista.

Fix-xhieda tagħha, l-konvenuta għamlet riferenza wkoll għal żewġ artikoli li kienu ġew ippubblikat fl-10 ta' Ottubru 2021[1] u fl-14 ta' Novembru 2021 fil-gazzetta 'Illum'. L-ewwel wieħed kien irrapporta intervista ma' Emmanuel Cassar, li kien ħadem bħala gwardjan fil-ħabs taħt it-tmexxija wkoll tal-attur iżda kien ġie mkeċċi, fejn irrakkonta żewġ episodji meta l-attur kien hedded priġunieri billi daħħal arma tan-nar f'ħalqhom u spjega li taħt it-tmexxija tal-attur, il-gwardjani tal-ħabs kienu jkunu armati. It-tieni artikolu irrapporta kif l-attur, ftit wara li kien assuma l-kariga ta' Direttur tal-Ħabs, kien ftaħar ma' Ministru li mhux l-ewwel darba li kien idaħħal arma tan-nar f'ħalq priġunier biex jikkastigah jew jiddixxplinah.

**Yendrick Cioffi**, l-awtur ta' dawn iż-żewġ artikoli pubblikati fuq il-gazzetta 'Illum', xehed illi l-fatt li kien hemm investigazzjonijiet għaddejjin mill-Pulizija dwar l-istejjer li ġew ippubblikati, kien ġie konfermat ma' sorsi li kellha l-gazzetta fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, u ma kienux ġew miċħuda la mill-Ministeru tal-Intern u lanqas mill-attur innifsu. Fir-rigward, xehed illi ġimgħa qabel il-pubblikazzjoni ta' kull wieħed mill-artikoli, kien bagħat mistoqsijiet lill-attur u lill-Ministeru tal-Intern, fosthom jekk hux minnu li l-attur kien qed jiġi investigat, iżda ebda wieħed minnhom ma kienu wieġbu.

---

[1] Dok. X, paġna 38 – 40 tal-atti tal-kawża,

**Joe Azzopardi magħruf bħala Peppi Azzopardi** xehed illi huwa ilu jeżerċita l-professjoni ta' ġornalist għal dawn l-aħħar tletin sena u matul il-karriera tiegħu u fil-programmi televiżi li kien itella' fuq il-mezzi tax-xandir, dejjem ta spazju għad-drittijiet tal-ħabsin billi ħa interess dirett fil-problemi tagħhom u ressaq l-ilmenti li kienu jwasslulu dwar ksur tad-drittijiet tagħhom.

Ikkonferma li kien tkellem pubblikament dwar is-sitwazzjoni fil-ħabs taħt it-tmexxija ta' Alexander Dalli wara li kien irċieva informazzjoni ta' sikwit minn priġunieri u l-familji tagħhom u minn persuni li jaħdmu fil-ħabs, dwar l-użu ta' vjolenza u theddid fil-ħabs. Esprima l-fehma li l-informazzjoni li kienet tasallu kienet konsistenti u l-istejjer jaqblu waħda mal-oħra, u dan kollu wasslu biex jitkellem pubblikament. Semma episodju partikolari fejn numu ta' immigranti li kien qajmu rewwixta fiċ-ċentru tad-detenzjoni intbagħtu l-ħabs u mal-wasla tagħhom fil-ħabs ġew imsawta bis-sieq u bil-ponn u b'pajpijiet kif ukoll tneżżgħu għarwenin u ssakkru seba' seba' f'ċelel ta' wieħed. Fost l-inċidenti li kien jiġi infurmat bihom kien hemm l-irbit tal-priġunier Costantino Gouder ma' siġġu tal-kastig għal diversi sigħat, Anthony Borg li nzamm maqful għal tliet xhur sħaħ fiċ-ċella b'siegħa biss ħruġ f'ġurnata u darba minnhom irċieva telefonata fl-eqqel tas-sajf mingħand omm imbikkma li qaltlu li l-priġunieri neħħewlhom il-fann u kellu jintervjeni mal-President ta' Malta dak iż-żmien biex il-fann jingħatalhom lura.

Xehed ukoll dwar il-pubblikazzjoni fil-midja, tal-avviż iffirmat mill-attur u mwaħħal ġewwa l-ħabs dwar il-filosofija ta' biza' li l-attur ried jimplementa fil-ħabs taħt it-tmexxija tiegħu, u l-fatt illi wara li dan inġieb għall-attenzjoni tal-pubbliku, il-Ministru responsabbli stqarr pubblikament li l-avviż kien tneħħa minn ġewwa l-ħabs. Irrifera għall-pubblikazzjonijiet fil-midja għall-ħabta ta' Novembru u Diċembru 2020 dwar l-użu tas-siġġu tal-kastig fil-ħabs, kif ukoll artikolu mitkub minn Fr. Joe Borg dwar l-istess materja u speċifikatament artikolu ieħor ippubblikat fis-17 ta' Jannar 2021 (Dok. PA1) fuq l-*online news portal* 'Newsbook' dwar episodju fejn l-attur rabat priġunier żagħżugħ li kien aġitat, fuq is-siġġu tal-kastig u ħallih marbut għal iktar

minn 15-il minuta mingħajr ma kellu ordni ta' tabib fir-rigward u minkejja t-talbiet ta' professjonisti biex il-priġunier jiġi rilaxxat.

Ġie esebit ukoll kopja awtentikata tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet **Meliza Muscat et v Id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin** li sabet li l-attur bħala d-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin dak iż-żmien, ivvjola d-dritt fondamentali tar-rikorrenti għal rispett għall-ħajja privata u familjari protett taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll inżamm responsabbli għat-trattament inuman u degratanti ta' Yousef Essesi bi ksur tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni. Kif jirriżulta minn eżami tas-sentenza esebita, il-fatti ta' dan il-każ seħħew fis-sena 2019 meta l-priġunier inżamm maqful ġewwa ċella f'Diviżjoni 6 tal-ħabs mingħajr faċilitajiet sanitarji, għarwien u bla sodda wara li kien ippreżenta protest ġudizzjarju kontra l-attur bħala Direttur tal-Ħabs għaliex ma kienx tah permess biex jiżżewweġ. Jirriżulta wkoll minn din is-sentenza illi wara li l-għarusa tal-priġunier tkellmet fil-pubbliku fuq il-programm Xarabank dwar l-istorja tagħhom, Yousef Essesi reġa' ġie trasferit fid-Diviżjoni 6 għal tliet ijiem mingħajr ma ngħata ebda raġuni, filwaqt li l-għarusa tiegħu ġiet ipprojibita tidħol fil-Faċilita'.

**Alexander Dalli, l-attur**, xehed illi huwa safa fil-mira ta' attakki ripetuti fil-midja fejn ġie allegat li huwa mexa b'aġir abbużiv fil-kariga tiegħu ta' Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u l-allegazzjonijiet magħmula fl-artikolu impunjat kienu riprodotti minn stejjer oħrajn ippubblikati fuq mezzi tax-xandir oħrajn lokali. Qal li dawn l-istejjer li l-konvenuta Christine Amaira semmiet fix-xhieda tagħha, qatt ma ġew ippruvati u l-konvenuta waslet għal konklużjonijiet, qagħdet fuq stejjer ippubblikati u riproduċiet allegazzjonijiet, mingħajr ma vverifikat is-sors u mingħajr ma eżerċitat id-diliġenza mistennija. Dan kollu għad-detriment tiegħu,

Ċaħad kategorikament li huwa qatt uża l-kliem pubblikat fl-artikolu u li qatt qabad *revolver* u tefgħu ma' ras xi ħadd anke għaliex il-ġarr tal-armi fil-ħabs huwa regolat

b'mod strett. Saħaq li dan ir-rapportaġġ huwa xejn ħlief gideb intiż biex iħammeġ ir-reputazzjoni tiegħu li fil-fatt sofriet konsegwenzi koroh għaliex hu dejjem ħadem għall-ġid tal-priġunieri, liema ħidma għadha qed tħalli l-frott tagħha sal-lum u wettaq diversi riformi importanti u kien instrumentali fil-ġlieda kontra d-droga fil-ħabs.

L-attur stqarr ukoll illi kien isib ħin kuljum biex ikellem lill-priġunieri iżda qatt u fl-ebda ħin ma hedded lil xi priġunier u kien iġorr arma tan-nar fuqu fil-ħabs biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali skont kif tipprovdi l-liġi fl-Att dwar il-Ħabs. Dan kien jagħmlu għas-sigurta' ta' dawk kollha li jkunu fil-Faċilita': priġunieri, ħaddiema u uffiċjali. Huwa kien jawtorizza wkoll lil xi uffiċjali biex f'ċirkostanzi eċċezzjonali iġorru wkoll arma tan-nar fil-ħabs. Xehed ukoll illi fiż-żmien li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Faċilita', kien hemm priġunieri ta' riskju għoli u f'dan l-ambjent ta' perikolu huwa kellu jkun lest għal kull eventwalita'. Kemm hu hekk, taħt it-tmexxija tiegħu kienu ġew elevati numru kbir ta' armi mingħand priġunieri ġewwa l-Ħabs, inkluż arma tan-nar[2].

Iżda meta xehed in kontro-eżami, l-attur mistqosi jekk kienx iħoss il-bżonn li jġorr arma fuqu ġewwa l-ħabs, wieġeb: "*U żgur, u barra minn hekk .... trid tiftakar ukoll illi dawn l-aħħar 4, 5 snin kien hawn turbolenzi kbar u n-nies illi kien hemm il-ħabs ma kienux kif konna niftakruhom dari ... il-livell, il-wieght tal-kriminali li hemm ġewwa l-ħabs u anke l-perikoli tagħhom huwa totalment differenti milli li wieħed jiftakar fl-antik.*" Stqarr ukoll li ġieli kien idur waħdu l-ħabs bil-kelb. Ċaħad madankollu li l-arma kien iġorr fuqu ġieli ħariġha mill-but ġewwa l-ħabs.

Xehed ukoll dwar ir-referenza għas-siġġu tal-kastig li saret fl-artikolu impunjat u ddeskriva din l-istorja bħala waħda riċiklata u ċaħad li fil-ħabs jeżisti siġġu tal-kastig. Iżda afferma l-eżistenza ta' *restraint chair* li jintuża meta biex jikkalma xi priġunier li jkun f'pożizzjoni li jweġġa' lilu nnifsu jew lil ħaddieħor u stqarr li fil-ħabs inevitabbilment jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn iridu jittieħdu miżuri ta' kontroll.

---

[2] Ritratt Dok. B.

**Carmel Bonnici**, *Senior Inspector* fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin inkarigat mir-reklutaġġi, xehed illi huwa ilu jaħdem fil-Faċilita' sa mill-1989 u ħadem ukoll taħt id-direttorat tal-attur. Iddeskriva lill-attur bħala persuna b'esperjenza siewja li kiseb suċċessi importanti fi ħdan il-ħabs u bħala dedikat ħafna lejn xogħolu. B'responsabbilita' iddikjara illi l-attur qatt ma wera xi trattrament inuman jew vjolenti fil-konfront ta' persuni fi ħdan il-ħabs, priġunieri jew uffiċjali. Xehed illi huwa qara l-artikoli li ġew ippubblikati dwar l-attur u saħaq li l-aġir deskritt fl-artikoli ma jirriflettix il-mod kif l-attur kien iwettaq xogħolu, għaliex huwa kien għex ix-xogħol taħt it-tmexxija tal-attur u jista' jgħid li l-allegazzjonijiet li saru huma gideb u la l-attur u lanqas xi uffiċjal qatt uża xi arma fil-Ħabs jew ipponta xi arma f'wiċċ xi priġunier, anke għaliex l-armi huma amministrati b'mod strett fil-ħabs u l-abbuż fir-rigward huwa kważi impossibbli.

In kwantu għall-ġarr ta' armi mill-uffiċjali tal-ħabs, kull uffiċjal kien jingħata taħriġ dwar il-ġarr tal-arma u dwar x'isir waqt il-ġarr tal-arma. Il-ġarr ta' arma mill-uffiċjali fil-ħabs dejjem kien jiġi awtorizzat mill-attur u dan kien iseħħ b'mod limitat u f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss meta kien hemm ħtieġa minħabba saħħa u sigurta' fil-Faċilita, jew għall-fini ta' taħriġ.

Xehed ukoll illi filwaqt li huwa minnu li l-attur huwa bniedem strett u dixxipplinat ħafna, huwa "*bniedem tan-nies*" u jimxi b'mod uman. Qal ukoll li l-attur kien eżemplari fit-tmexxija tiegħu u wettaq bosta riformi fil-ħabs b'mod ħolistiku, fosthom fid-dixxplina li tjiebet iżda b'mod bilanċjat. Fost ir-riformi li saru mill-attur fil-Ħabs, hemm il-knisja, uffiċini u l-akkademija u taħt it-tmexxija tal-attur ġew konfiskati numru sostanzjali ta' armi.

**Conrad Saliba**, *Senior Inspector* fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin inkarigat mill-Iskwadra tal-SOG (Special Operations Group), xehed li ilu jaħdem fil-ħabs mis-sena 2000 u minħabba xogħlu fl-SOG kien jaħdem viċin ħafna tal-attur b'mod regolari. Iddeskriva lill-attur bħala persuna responsabbli u ta' integrita'u għaqal f'xogħlu. Qal li l-attur kien juża metodi umanitarji ħafna f'xogħolu, fosthom fil-komunikazzjonijiet,

irrispettivament mill-gravita' tal-każ. Filwaqt li huwa bniedem iddixxiplinat ħafna, kien jużа d-dixxiplina b'mod responsabbli u għaqli u kien juri rispett lejn kull individwu fil-ħabs, irrispettivament mill-każ jew storja tal-persuna. Ikkonferma li l-attur wettaq bosta riformi fil-ħabs u kien eleva numru ta' armi mill-pussess ta' priġunieri.

Ikkonferma wkoll li hemm istanzi fejn ikun hemm bżonn li l-uffiċjali u gwardjani tal-ħabs iġorru arma tan-nar u f'dawn il-każijiet, tingħata awtorizzazzjoni għall-ġarr tal-arma. Qal iżda li dawn huma każijiet limitati fejn jidħol taħriġ jew saħħa u sigurta' u spjega illi kull darba li jeħtieġ il-ġarr ta' arma tan-nar, l-uffiċjali jiġi mħarreġ fir-rigward il-mansjoni speċifika għaliex il-ġarr tal-arma jitqies bħala inkarigu sensittiv. Ix-xhud ikkonferma li qatt ma kien hemm każ fejn l-armi tan-nar intużaw b'mod irresponsabbli jew abbużiv fil-ħabs taħt it-tmexxija tal-attur u l-attur qatt ma wera vjolenza jew abbuża mis-setgħet tiegħu jew ittratta li xi ħadd, inkluż priġunier, b'mod inuman. Saħaq li l-metodi tad-dixxiplina li kien juza l-attur kienu umanitarji u responsabbli.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta illi l-konvenuta Christine Amaira hija l-awtur tal-artikolu impunjat. Ma tressqu ebda provi mill-attur biex juri li l-konvenut Dione Borg huwa fil-fatt l-editur jew l-editur reġistrat tal-gazzetta 'il-Mument', iżda l-konvenut fl-ebda waqt ma kkontesta l-fatt li huwa ġie imħarrek bħala l-editur tal-istess gazzetta. Kemm hu hekk, l-abbli avukat tal-konvenut iddikjara fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2021, li l-konvenut Dione Borg huwa l-editur ta' din il-gazzetta u għaldaqstant, bis-saħħa ta' din id-dikjarazzjoni l-Qorti tqis li l-konvenut Dione Borg ġie mħarrek tajjeb bħala l-editur tal-gazzetta 'il-Mument'. Il-Qorti sejra wkoll tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti fir-Risposta tagħhom wara li l-kawża ġiet ċeduta fil-konfront tal-konvenut Alex Attard.

L-artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jiddisponi illi l-azzjoni ċivili għal malafama taħt dan l-Att dwar kull ħaġa ppubblikata fil-midja tista' tittieħed kontra kull waħda mis-segwenti persuni: l-awtur, l-editur u, meta dawn tal-aħħar m'humiex faċilment identifikabbli, ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni. Għalhekk, billi l-konvenuti Christine Amaira u Dione Borg huma l-awtur u l-editur rispettivament tal-pubblikazzjoni impunjata, isegwi li l-azzjoni ġiet esperita korrettement fil-konfront tagħhom. Jiġi osservat ukoll li huwa prinċipju ġenerali tal-liġi tad-diffamazzjoni li l-persuni kollha li jipprokuraw jew jipparteċipaw fil-pubblikazzjoni ta' libell, ċioe' il-ġornalist, l-editur u l-persuna reponsabbli għall-pubblikazzjoni, jitqiesu li huma lkoll solidalment responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-persuna aggravata.

Ikkunsidrat;

L-attur jissemma b'ismu fil-pubblikazzjoni impunjata u għalhekk m'hemmx dubju li huwa identifikat. Il-Qorti għalhekk trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, stabbilit mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (l-Att), huwiex sodisfatt f'dan il-każ partikolari. Dan l-artikolu jistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja, lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u, f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju.

Kif ġie ribadit diversi drabi minn din il-Qorti, ir-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata, introdott għall-ewwel darba permezz tal-liġi l-ġdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-suċċess ta' azzjonijiet għal malafama, minn dak li kellu jintlaħaq taħt il-Ligi tal-Istampa (Kap. 248) u llum jeħtieġ li l-imputazzjoni impunjata mhux biss trid tkun kapaċi li tolqot ħażin ir-reputazzjoni tal-persuna iżda għandha tikkaġuna jew tkun kapaċi li tikkaġuna ħsara sejra lir-reputazzjoni.

Għad-determinazzjoni tal-kriterju tal-ħsara serja għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att, jeħtieġ qabel xejn jiġi stabbilit x'inhi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża, ċitati iktar qabel. Jingħad illi fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk

fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni diffamatorja fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jigi stabbilit jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna raġjonevoli u ta' intelliġenza ordinarja ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha raġjonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.

Huwa wkoll prinċipju stabbilit fil-liġi tad-diffamazzjoni illi fid-determinazzjoni dwar jekk l-artikolu impunjat iwassalx imputazzjoni li hi diffamatorja, **huwa l-artikolu kollu u mhux biss l-istqarrijiet impunjati speċifikatament mill-persuna aggravata**, li għandhom jinqraw u jiġu kkunsidrati. It-test huwa wieħed oġġettiv li jfisser li għandu jittieħed neċessarjament in konsiderazzjoni l-kuntest **kollu** tal-pubblikazzjoni biex jiġi stabbilit jekk il-pubblikazzjoni twassal imputazzjoni li hija diffamatorja[3].

**Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet impunjati moqrija fil-kuntest tal-pubblikazzjoni kollha, hija illi l-attur, li fiż-żmien tal-pubblikazzjoni kien il-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi[4], jabbuża mis-setgħat tiegħu fit-tmexxija tal-ħabs billi jħaddem reġim ta' biża' u terrorizzazzjoni tal-priġunieri u kif ukoll jittrattahom b'mod degradanti u indinjituż.**

Il-Qorti, bħalma diġa' affermat f'okkażjonijiet preċedenti f'kawżi simili, tqis illi l-kariga ta' direttur jew kap eżekuttiv ta' entita' li tmexxi faċilita' penali u korrettiva - l-għola kariga fit-tmexxija tal-ħabs - hija indubbjament kariga pubblika ferm importanti u ta' responsabbilita' gravi li tesiġi mhux biss grad sostanzjali ta' kompetenza, kontabbilita`, serjeta' u dixxiplina soda, iżda wkoll sensittivita' u prudenza fl-imġieba tal-persuna li tokkupa kariga bħal din. Dan qed jingħad naturalment, minħabba d-diffikoltajiet ġenerali riskontrati fejn jidħlu l-priġunieri li, bħala persuni maqtugħin

[3] Fid-deċiżjoni fil-każ ċelebri **Jeynes v. News Magazines Ltd** - (2008) EWCA Civ 130, p. 14 - ġie ritenut awtorevolment illi "*(1) the governing principle is reasonableness. ... (5) The article must be read as a whole, and any 'bane and antidote' taken together...*"

[4] Ara r-Rikors promotur.

mis-soċjeta' u pprivati mil-liberta' tagħhom, jinsabu f'sitwazzjoni li minnha nnifisha tirrendihom vulnerabbli.

Hija għalhekk il-fehma tal-Qorti illi kull imputazzjoni li l-attur jabbuża mis-setgħat tiegħu fit-twettiq ta' din il-kariga, speċjalment meta din l-imputazzjoni ssir f'gazzetta ossia f'pubblikazzjoni ta' *mass media* fejn teżisti inferenza ta' udjenza kbira, timpinġi direttament u negattivament fuq il-kompetenza tiegħu għal din il-kariga pubblika u tiskreditah. Effettivament, l-asserzjoni li l-attur f'kariga ta' poter bħal din jhedded lill-priġunieri bl-użu ta' vjolenza, jumiljahom u jħallihom imutu minflok jassigura li jirrijabilitahom u jattendi għall-bżonnijiet tagħhom, hi inerentement kapaċi li toskura b'mod serju l-istima tal-attur f'għajnejn il-pubbliku in ġenerali[5].

"*It has been held defamatory to write of someone that he has been guilty of oppressive, intolerant, insulting, reprehensible, threatening or unbrotherly conduct, or of a breach of duty or that his actions are motivated by revenge when he asserts other motives, or that he is a 'heartless, rude bastard'; or to impute 'any dishonourable conduct to another though not involving a breach of positive law.*"[6]

Ikkunsidrat;

Premess dan, il-Qorti tqis li jkun opportun illi tibda biex tistħarreġ it-tieni eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuti, fejn jikkontendu li l-pubblikazzjoni hija dwar materja ta' interess pubbliku fit-termini tal-artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

*1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li –*
*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u*
*(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

---

[5] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*
[6] Gatley *ibid.* – 2.28. page 66.

Kif sewwa ġie osservat mill-abbli avukat tal-konvenuti fit-trattazzjoni, u kif ġia ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenzi tagħha in materja, din id-difiża hija l-prodott ta' żviluppi ġurisprudenzjali tal-privileġġ bażiku li dejjem ingħata lir-rapportaġġ dwar materji ta' interess pubbliku (*reporting privileges*), liema privileġġ isib l-oriġini tiegħu fil-fatt illi:-

"*... the information was already public and a newspaper carrying the report was doing no more than bringing it to the attention of its legitimate audience:* [however, these reporting privileges] ... *offered no protection to material originated by the newspaper or to 'investigative journalism'.*"[7]

Din is-sitwazzjoni nbidlet bid-deċiżjoni fil-każ **Reynolds v. Times Newspapers Ltd** fejn l-iskop tal-protezzjoni li ngħatat lill-midja ġie estiż għaliex "*the protection does not depend on the extent to which the maker of the statement has made proper investigations: ... the issue is whether the defendant acted honestly (i.e. without malice)...*"[8]

Din id-difiża llum ġiet kodifikata b'kriterji speċifiċi sija taħt id-Defamation Act UK 2013 u sija wkoll taħt l-Artikolu 5 tal-Att (riproduzzjoni *verbatim*), fejn il-konvenut irid qabel xejn jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, irid ikun dwar materja ta' interess pubbliku.

Fid-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att il-konvenut irid jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, *in toto* jew in parti, irid ikun dwar materja ta' interess pubbliku. L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku, biex b'hekk il-kwistjoni tiġi deċiża mill-qorti skont il-każ li jkun. Fil-fehma ta' din il-Qorti, iżda, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u

[7] Gatley, On Libel and Slander, 2013 Ed. 14.1, p. 532.
[8] Gatley, *ibid.* 14.2, p. 534.

involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu b'mod ġenerali li huma materji ta' interess pubbliku, għaliex huma materji:-

"... '*such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others*."[9]

Ukoll, jitqies li huwa ta' interess pubbliku materja li tikkonċerna:

"*... the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[10]

Kif rajna, l-attur kien, fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata, il-Kap Eżekuttiv tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u fil-fehma tal-Qorti l-komportament tiegħu f'kariga pubblika u importanti bħal din u allegazzjonijiet konċernanti aġir abbużiv da parti tiegħu sewwasew fl-eżekuzzjoni ta' dmirijietu fl-amministrazzjoni tal-ħabs u fit-trattament tal-priġunieri taħt il-kontroll tiegħu, jikkonċernaw indubbjament materja ta' interess pubbliku. Il-pubbliku għandu interess leġittimu li jirċievi informazzjoni dwar il-mod kif uffiċjali f'karigi għoljin fis-servizz pubbliku jwettqu dmirijiethom, speċjalment meta qed jiġi allegat li dawn id-dmirijiet ma jkunux qegħdin jitwettqu skont l-etika u jew il-liġi, jew fl-aħjar interess tas-soċjeta'. Il-ġornalist li jirċievi l-informazzjoni bħal din għandu dmir li, wara li jagħmel il-verifiki opportuni biex jassigura li din hi miksuba minn sorsi affidabbli, jippubblikaha. Wara kollox, il-funzjoni tal-ġornaliżmu etiku huwa l-qadi tal-interess pubbliku, fejn ġornalisti huma mistennija jaħdmu b'mod ħieles u mingħajr kunflitti ta' interess jew indħil minn forzi esterni li jistgħu jissopprimu t-trasmissjoni jew aċċess ħieles għal informazzjoni u dibattitu miftuħ fuq materji ta' interess pubbliku.

[9] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.

[10] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143. Gatley jelenka serje ta' materji oħrajn li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:- *"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ..."*

F'*Reynolds,* Lord Nicholls irrimarka illi "*the court should be slow to conclude that a publication was not in the public interest and, therefore, the public had no right to know, especially when the information is in the field of political discussion. Any lingering doubts should be resolved in favour of publication*"[11].

Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell[12] fl-Ingilterra fil-każ **Serafin v. Malkiewicz and Ors** riteniet illi meta wieħed jiġi biex jiddetermina jekk l-artikolu impunjat jittrattax materja ta' interess pubbliku, għandu jittieħed qies "*not merely the bare subject-matter but also the context, timing, tone, seriousness and all other relevant factors*."

Għalkemm mhux meħtieġ illi kull silta fil-pubblikazzjoni tiġi ġustifikata bħala materja ta' interess pubbliku, għaliex l-istorja trid tittieħed b'mod sħiħ biex jiġi determinat jekk ġietx ippubblikata dwar materja ta' interess pubbliku, għandu jiġi senjalat ukoll li jista' jkun il-każ fejn għalkemm minn perspettiva wiesa', is-soġġett in materja fil-pubblikazzjoni jitqies li huwa ta' interess pubbliku ġenerali, mhux l-istess jgħodd għall-istqarrija speċifika taħt skrutinju, bir-riżultat li d-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att ma ssibx riskontru in kwantu l-kontenut **kollu** tal-pubblikazzjoni. Jeħtieġ f'kull każ illi jiġi determinat jekk huwiex raġjonevoli li l-istqarrija speċifika impunjata titqies bħala parti mill-materja li hija ta' interess pubbliku.

Fil-każ in diżamina, kif diġa' ngħad qabel, l-attur ħassu inġurjat mhux tant bl-allegazzjonijiet dwar abbużi li kienu qed iseħħu fl-amministrazzjoni tal-ħabs speċifikatament fit-trattament tal-priġunieri - għaliex kif qal, dawn kienu stejjer riċiklati - iżda bl-allegazzjoni speċifika li hedded xi priġunieri billi ppontalhom revolver ma' rashom, allegazzjoni li kienet, fil-fehma tiegħu, "*the straw that broke the camel's back.*"

Kif rajna, din l-imputazzjoni speċifika kienet waħda fost diversi allegazzjonijiet oħrajn li saru mill-eks priġunier anonimu fil-artikolu impunjat fir-rigward tal-kondotta

---

[11] P. 205 tas-sentenza.

[12] Deċiżjoni 2019 EWCA Civ. 852.

tal-attur bħala Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija responsabbli għall-ħabs, u l-kondotta tal-uffiċjali jew gwardjani tal-ħabs li jieħdu ordnijiet mingħand l-istess attur. Inoltre, il-fatt li l-attur f'dan il-każ huwa persuna pubblika b'kariga għolja li ġġib magħha responsabbilitajiet gravi, ikompli jiġġustifika l-pubblikazzjoni ta' allegazzjonijiet speċifiċi marbutin direttament mal-istess attur. Fil-fehma tal-Qorti, mhux possibbli f'każ bħal dan li jiġu pubblikati l-dettallji ta' materja ta' interess pubbliku konsistenti fl-allegazzjonijiet dwar abbuż tas-setgħat ta' amministrazzjoni pubblika, mingħajr ma ssir referenza għal istanzi partikolari ta' dan l-allegat abbuż u mingħajr ma tinkixef l-identita' tal-attur. Fil-fatt, id-deskrizzjoni tal-allegat imġieba abbużiva u estrema tal-attur f'rejazzjoni kontra tentattiv da parti tal-priġunieri biex tabilħaqq jixkfu dan l-istess abbuż, fosthom li jheddidhom b'arma tan-nar ma' rashom, ma tistax ħlief titqies, raġjonevolment, bħala parti mill-materja ta' interess pubbliku. Fuq kollox, dawn l-irqaqat diffamatorji jikkostitwixxu parti integrali mill-istorja u jwasslu sewwasew il-gravita' tal-imġieba mhux xierqa li qed tiġi attribwita lill-kap eżekuttiv tal-ħabs u bħala tali, jikkontribwixxu għall-element tal-interess pubbliku tal-artikolu impunjat u mhuwiex il-każ li ssemmew biss għall-fini ta' sensazzjonaliżmu.

Stabbilit l-interess pubbliku tal-materja ppubblikata, imiss li jiġi mistħarreġ it-tieni rekwiżit li jeħtieġ li jiġi sodisfatt biex ir-rapportaġġ dwar materja ta' interess pubbliku jingħata l-protezzjoni tal-liġi, ċioe' jekk il-pubblikatur raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku - kriterju li inerentement jeskludi l-eżistenza tal-malizzja jew malafede.

Dan it-tieni rekwiżit jeħtieġ li jiġi sodisfatt sija mill-perspettiva soġġettiva tal-pubblikatur kif ukoll mil-lat oġġettiv u dan billi jiġi stabbilit li l-pubblikatur aġixxa skont standards ta' *responsible journalism*[13].

Il-liġi, fid-dispozizzjonjiet tal-Att li jirregolaw id-difiza tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, tipprovdi li fid-deċiżjoni dwar jekk kienx raġonevoli

---

[13] **Flood v. Times Newspapers Ltd.**, Lord Mance qal *"it will not be, or is unlikely to be, in the public interest to publish material which has not been the subject of responsible journalistic inquiry and consideration"*.

għall-konvenut li jemmen li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet fl-interess pubbliku, il-Qorti għandha tippermetti ġudizzju editorjali.

Il-kunċett tal-ġudizzju editorjali ġie mfisser mill-House of Lords fid-deċiżjoni fil-każ **Flood v Times Newspapers Limited** (2012), hekk:-

"*although the question of whether the story as a whole as a matter of public interest must be determined by the court, the question of whether defamatory details should have been included is often a matter of how the story should have been presentend. On that issue, allowance should be made for editorial judgement*".[14]

Jingħad ukoll li għall-fini tal-eżerċizzju fejn għandu jiġi determinat jekk ir-rapportaġġ taħt skrutinju huwiex konformi mal-kriterji ta' ġornaliżmu responsabbli, il-ġornalisti għandhom igawdu minn kejl wiesa' ta' diskrezzjoni u apprezzament professjonali u l-qrati għandhom jevitaw li jiġġudikaw lill-ġornalist dwar teknikalitajiet ta' rapportaġġ li misshom ġew addottati fil-każ speċifiku. Wara kollox, l-istandard li huwa mistenni minn ġornalist responsabbli m'huwiex preċiżjoni assoluta jew xi standard idejalistiku: il-pożizzjoni għandha tiġi analizzata b'mod komplessiv b'dan illi ommissjonijiet jew ineżattezzi fir-rapportaġġ li, meqjus il-kuntest sħiħ, jistgħu jitqies li huma minuri fir-rapportaġġ, ma għandhomx ikunu fatali għal din id-difiża.

Il-perspettiva oġġettiva teħtieġ li ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz jiġu kkunsidrati, fosthom iżda mhux biss, il-materji identifikati minn Lord Nicholls fid-deċjiżjoni **Reynolds v. Times Newspapers Ltd**[26], f'lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li huma relevanti għall-materja dwar jekk l-i*standards* ta' ġornaliżmu responsabbli, intlaħqux fil-każ taħt eżami.

Lord Nicholls kien elenka s-segwenti kriterji:-

[14] Per Lord Dyson – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647

1. *The seriousness of the allegation. The more serious the charge, the more the public is misinformed and the individual harmed, if the allegation is not true. 2. The nature of the information, and the extent to which the subject-matter is a matter of public concern. 3. The source of the information. Some informants have no direct knowledge of the events. Some have their own axes to grind, or are being paid for their stories. 4. The steps taken to verify the information. 5. The status of the information. The allegation may have already been the subject of an investigation which commands respect. 6. The urgency of the matter. News is often a perishable commodity. 7. Whether comment was sought from the plaintiff. He may have information others do not possess or have not disclosed. An approach to the plaintiff will not always be necessary. 8. Whether the article contained the gist of the plaintiff's side of the story. 9. The tone of the article. A newspaper can raise queries or call for an investigation. It need not adopt allegations as statements of fact. 10. The circumstances of the publication, including the timing.*

Iżda fid-deċiżjoni riċenti il-Qorti Suprema tar-Renju Unit, **Serafin v. Malkiewicz and Others**[15], irriteniet fir-rigward ta' s.4 tad-Defamation Act 2013 (UK)[16] illi din id-difiża hija "... *available when the defendant reasonably believed that publishing the statement complained of was in the public interest*" u għalkemm affermat li l-fatturi elenkati minn Lord Nicholls indubbjament għadhom rilevanti biex jiġi stabbilit jekk il-pubblikatur emminx raġjonevolment li l-pubblikazzjoni kienet fl-interess pubbliku, dawn il-fatturi għandhom jiġu applikati b'ċertu element ta' flessibilita' u mhux meħtieġ li jiġu applikati "*in a check-list fashion*". Din id-deċiżjoni effettivament affermat illi d-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att (korrispondenti għas-s.4 tad-Defamation Act 2013) m'hijiex riproduzzjoni tar-Reynold's defence kif kienet rikonoxxuta u applikata qabel il-promulgazzjoni tad-Defamation Act, 2013.

Kif ingħad diġa', l-artikolu impunjat jirreferi għal intervista oħra li saret ma' eks-priġunier, ippubblikata fil-jiem ta' qabel f'ġazzetta oħra, liema intervista jidher li

[15] 2020, UKSC 23.
[16] L-ekwivalenti tal-artikolu 5 tal-Kap. 579.

ħeġġeġ lill-intervistat odjern jiftaħ qalbu mal-gazzetta 'il-Mument' biex jiżvela dak li kien għaddej il-ħabs 'il bogħod mill-iskrutinju tal-pubbliku. Huwa ppruvat ukoll, mix-xhieda tal-konvenuta u tax-xiehda l-oħra li xehdu fuq talba tal-konvenuti, illi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat f'din il-kawża, kien hemm diġa' diversi stejjer li kienu qegħdin jiċċirkolaw fil-midja lokali u kien hemm agħa wkoll fil-midja dwar in-numru ta' mwiet suwiċidali li kienu qed iseħħu fil-ħabs taħt l-amministrazzjoni tal-attur, kif ukoll dwar l-avviż miktub mill-attur fil-15 ta' Ġunju 2018 dwar ir-reġim tal-biża' li kien qed jimplimenta fil-ħabs[17]. L-attur ma ċaħadx li kien waħħal dan l-avviż fil-ħabs u ma semma xejn dwaru fix-xhieda tiegħu, bħalma ċaħadx lanqas illi fid-9 ta' Awwissu 2021 il-Ministeru tal-Intern kien appunta bord tal-inkjesta biex jevalwa l-proċeduri interni fil-ħabs minħabba tħassib dwar in-numru ta' priġunieri li kienu qed imutu sobtu fil-ħabs taħt l-amministrazzjoni tal-attur. Diġa' f'Novembru u Diċembru 2020 kienet qed tiġi dibattuta fil-midja l-eżistenza u użu ta' *restraint chair* ġewwa l-ħabs u l-istess materja kienet l-oġġett ta' artikolu ppubblikat f'Newsbook fis-17 ta' Jannar 2021 (Dok. PA1).

Għalkemm hu minnu li l-konvenuti ma ġabux prova speċifika tal-pubblikazzjonijiet preċedenti fil-midja li ġew imsemmija fl-artikolu impunjat, biex juru li fil-fatt, din il-materja kienet ġia' qed tiġi dibattuta fil-midja, l-attur ma jiċħadx l-eżistenza tal-pubblikazzjonijiet preċedenti u li l-materja tal-amministrazzjoni tiegħu tal-ħabs kienet diġa' taħt skrutinju u tingħata prominenza fil-midja, tant illi xehed hu stess li l-istorja fl-artikolu impunjat hija waħda "riċiklata". Barra dan il-fatt li l-attur irrikonoxxa fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami illi kien hemm żmien meta kienu jiġu pubblikati sa erba' artikoli kontroversjali fil-ġimgħa fejn huwa kien jiġi attakkat konsistentement b'rabta mat-tmexxija tiegħu fil-ħabs: hu sejħilhom "*reproductions ta' gideb*".

Il-Qorti tosserva illi l-fatt illi l-konvenuti evidentement irrapportaw allegazzjonijiet li saru f'pubblikazzjonijiet preċedenti fil-midja, ma jeħlsihomx mir-responsabbilita' għal malafama. Iżda fl-istess ħin għandu jingħad illi l-fatt li l-allegazzjonijiet kienu diġa'

[17] Skont kif kien ġie żvelat f'pubblikazzjoni f'Times of Malta fit-28 ta' Jannar 2021, dan l-avviż kien imwaħħal fil-ħabs.

ġew pubblikati fil-midja jikkontribwixxi għall-inferenza illi l-passi li ttieħdu biex tinġabar u tiġi pubblikata l-informazzjoni, kienu responsabbli. Tqis ukoll illi huwa evidenti li l-pubblikazzjoni tal-allegazzjonijiet impunjati saret fi żmien propizju u ċertament mhux il-każ illi l-konvenuti ħadu d-deċiżjoni li jippubblikaw l-informazzjoni li wasslitilhom, mingħajr kuntest jew sfond relevanti. Fil-fatt, kif rajna, l-intervista segwiet intervista oħra ma' eks-priġunier li kienet ġiet pubblikata fil-jiem li għaddew u kif rajna, il-materja tal-allegat abbużi fil-ħabs u l-kritika dwar it-tmexxija tal-attur bħala Direttur tal-ħabs kienu qed jiġu dibattuti b'mod regolari fil-midja fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata. Dan ifisser li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati kienet f'waqtha u, in sostanza, ġustifikata mill-okkażjoni u jkompli jafferma li oġġettivament, il-pubblikatur seta' raġjonevolment jemmen li l-pubblikazzjoni dak iż-żmien kienet dwar materja ta' interess pubbliku.

L-attur jinsisti li l-allegazzjoni li pponta revolver ma' ras xi priġunieri biex jheddidhom, hi gidba, iżda għandu jingħad ukoll illi fl-istħarriġ dwar it-tieni rekwiżit għas-suċċess tad-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, "*the truth or falsity of the allegation complained of is not one of the relevant circumstances* [of the reasonable belief test]".[18] Huwa minnu li ma jirriżultax illi l-konvenuta ħadet passi speċifiċi biex tivverifika l-verita' tar-rakkont tal-intervistat tagħha qabel dan ġie pubblikat. Xehdet iżda, illi hija emmnet lill-intervistat tagħha għaliex deher ġenwin u r-rakkont tiegħu dwar l-episodji li seħħew fil-ħabs kien karatterizzat minn emozzjoni u minn konsistenza u qatt ma għaddielha ebda suspett f'moħħha illi seta' ma kienx qed jgħid il-verita'.

Il-Qorti, filwaqt li tosserva illi l-istorja ta' dan l-eks priġunier hi b'mod ġenerali korroborata bi stejjer oħrajn li dak iż-żmien kienu qed joħorġu mill-ħabs, hi tal-fehma illi f'dan il-każ, in-nuqqas tal-konvenuti li jieħdu xi passi biex jivverifikaw il-verita' tal-istqarrija in diżamina, ma hijiex determinanti u lanqas rilevanti.

[18] **Economou v. De Freitas** (2016) EWHC 1853 (QB). Ġie ritenut ukoll: "*It is not necessary or relevant to determine whether the publication was true or not. None of Lord Nicholls 10 considerations require such a determination and some of them (for example number 8), positively suggest otherwise.*" – **GKR Karate (UK) Ltd v. Yorkshire Post Newspapers Ltd** (2001) 1 WL 2571 at 2578-2579.

Kif sewwa ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenuti waqt it-trattazzjoni finali, f'dan il-każ huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) tal-artikolu 5 tal-Att dwar il-kunċett ta' '*reportage*'. Dan jipprovdi:-

"*Jekk id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, rendikont preċiż jew imparzjali ta' kwistjoni li fiha l-konvenut*[19] *kien parti, il-Qorti għandha, fid-deċiżjoni jekk kienx raġonevoli jew le li l-konvenut jemmen li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni kienet ta' interess pubbliku, ma tagħtix każ ta' xi ommissjoni tal-konvenut li jieħu passi sabiex jivverifika l-verità tal-imputazzjoni mwassla minnha.*"

Kif diġa' ġie mfisser minn din l-istess Qorti f'każistika in materja, dan hu privileġġ li ġie żviluppat reċentement[20] iżda ben rikonoxxut fil-liġi tad-diffamazzjoni, tant illi t-test tas-subartikolu appena ċitat huwa riproduzzjoni *verbatim* tal-artikolu analogu, l-artikolu 4(3), fid-Defamation Act UK, 2013.

Dan il-privileġġ ġie mfisser hekk:-

"*to qualify as reportage, the report, judging the thrust of it as a whole, must have the effect of reporting, not the truth of the statements, but the fact that they were made ... If upon a proper construction of the thrust of the article the defamatory material is attributed to another and is not being put forward as true, then a responsible journalist would not need to take steps to verify its accuracy. He is absolved from that responsbility because he is simply reporting in a neutral fashion the fact that it has been said without adopting the truth.*"[21]

---

[19] Għandu jingħad illi l-ewwel referenza għall-"*konvenut*" saret evidentement bi żball u r-referenza kellha tkun għall-attur, ċioe' il-persuna aggravata. Wara kollox, fit-test analogu bl-Ingliż, ir-referenza hi għal "*the claimant*".

[20] L-ewwel każ fejn dan il-privileġġ ġie rikonoxxut kien fid-deċiżjoni fil-każ **Al-Fagih v HH Saudi Research & Marketing (UK) Ltd.** (2001) EWCA Civ. 1634.

[21] **Roberts v. Gables**, 2007 EWCA Civ. 721.

Kif diġa' ġie stabbilit u kif jirriżulta wkoll minn qari tal-artikolu impunjat innifsu, fiż-żmien tal-pubblikazzjoni kien hemm kontroversja pubblika eżistenti dwar il-mezzi ta' dixxiplina li kienu qed jiġi implimentati mill-attur ġewwa l-ħabs, f'liema kwistjoni l-attur kellu parti ċentrali. Jirriżulta wkoll li l-artikolu tal-konvenuti qiegħed jirrapporta allegazzjoni oħra f'serje ta' allegazzjonijiet li kienu qed isiru b'rabta ma' din il-kontroversja[22]. Għalkemm mhux rikjest għas-suċċess tad-difiża ta' *reportage* li l-pubblikatur jiddiskosta ruħu formalment mill-allegazzjonijiet riportati fl-artikolu impunjat, ma jirriżultax li f'dan il-kaz tal-lum, l-artikolu jħaddan jew jaddotta bħala korretta jew vera l-allegazzjonijiet rapportati mill-intervistat.

Fil-fatt, hu evidenti li r-rapportaġġ tal-konvenuta Christine Amaira fl-artikolu impunjat hu rapportaġġ oġġettiv b'ton newtrali, konsistenti kważi kollu kemm hu f'riproduzzjoni tal-kliem tal-intervistat tagħha b'intervent ftit li xejn min-naħa tagħha u mingħajr iż-żieda ta' ebda kumment jew espressjoni tal-opinjoni jew ġudizzju tagħha dwar il-karattru tal-attur jew dwar il-verita' o meno tar-rakkont tal-intervistat tagħha – għalkemm jinsab ritenut li l-fatt li l-pubblikatur jaddotta ton kritiku ma jwaqqax id-difiża[23].

Ġie ritenut fir-rigward: "*So long as the reporting is fair and balanced, ... this does not mean that it must be bland. Nor does it require that the defendant should be denied the possibility of showing pleasure in reporting the matter.*"[24]

Għaldaqstant tqis illi f'dan il-każ, billi huma ravvizabbli l-kriterji tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 5 tal-Att, kwalsiasi ommissjoni tal-konvenuti li jieħdu xi passi sabiex jivverifikaw il-verità tal-imputazzjoni mwassla minnhom, ma għandhiex tingħata piż

---

[22] Gatley ifisser l-applikabbilita' ta' dan il-privileġġ hekk: "*where the story unfolds day by day ..., the existence of a dispute generally explains the derogations from the normal Reynolds requirements* (of responsible journalism)" u "*... there was reportage when what was being reported was the mere fact that the allegation had been made but not where the report could be said to adopt the allegation.*" – 15.17, p. 664/665.5

[23] Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni fil-każ **Verlagsgruppe News GMBH v. Austria** qalet hekk, f'każ fejn rikonoxxiet li l-artikolu in kwistjoni kien sewwasew kaz ta' *reportage*: "*It is certainly true that the article at issue reflected a rather critical approach ... This cannot however, justify the conclusion that the article identified and adopted the content of the impugned statements of the quoted passage.*"

[24] **Roberts v. Gable**, *ibid.*

mill-Qorti fid-deċiżjoni tagħha dwar jekk kienx raġonevoli jew le li l-konvenuti jemmnu li l-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni kienet ta' interess pubbliku.

Il-Qorti tosserva wkoll illi għalkemm tassew ma jirriżultax illi l-konvenuta Christine Amaira ma talbitx lill-attur għall-kummenti tiegħu dwar l-allegazzjonijiet li saru fl-intervista u li kienet bi ħsiebha tippubblikahom, dan in-nuqqas ma jxejjinx id-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att.  Il-Qorti Suprema tar-Renju Unit fid-deċiżjoni fuq imsemmija, **Serafin v. Malkiewicz et**, affermat ukoll illi s-seba' rekwiżit tar-*Reynold's defence* ċioe' li l-pubblikatur għandu jfittex il-verzjoni tal-vittma qabel jippubblika l-allegazzjoni malafamanti, m'huwiex meħtieġ għas-suċċess tad-difiża l-ġdida ta' pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku.  Ingħad ukoll li l-kwistjoni li għandha tiġi determinata m'hijiex jekk l-istqarrijia impnunjata ġietx ippubblikata fl-interess pubbliku, iżda jekk kienetx dwar materja li interess pubbliku.

In konklużjoni, kwantu għat-test soġġettiv tad-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att, il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi, hija tal-fehma illi ma ġie ppruvat bl-ebda mod illi l-konvenuti f'dan il-każ ma kienux jew ma setgħux raġjonevolment jemmnu, minn perspettiva soġġettiva u fl-assjem tal-fatturi kollha appena kkunsidrati, li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet tal-konvenut, impunjati mill-attur, ma kienux dwar materja ta' interess pubbliku.  Din il-prova ġeneralment issir billi jintwera li l-pubblikatur naqas b'mod deliberat milli jsemmi fatti jew provi skolpanti noti lilu jew billi jintwera li bħala fatt, ma kien hemm l-ebda bażi fattwali għall-kumment.  Iżda f'dan il-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova fl-atti li turi illi l-konvenuti naqsu xjentement milli jsemmu xi fatt eżistenti dak iż-żmien jew li aġixxew b'malizzja.

Għandu jingħad ukoll, kif diġa' ngħad f'okkażjonijiet oħrajn, illi b'dan kollu l-Qorti mhux qiegħda tikkonkludi jew timplika li mhux minnu li l-attur mhuwiex persuna ta' integrita' u għaqal f'xogħlu, jew li ma kienx rispettat mill-priġunieri u jew l-uffiċjali tal-ħabs jew li l-allegazzjonijiet ipubblikati mill-konvenuti huma l-verita'.  Hawnhekk il-Qorti hija msejħa biex tiġġudika dwar jekk il-pubblikazzjoni impunjata mill-attur

hijiex dwar materja ta' interess pubbliku u jekk il-ħtiġiet l-oħrajn tad-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att ġewx sodisfatti u qiegħda fil-fatt tqis lil din il-pubblikazzjoni bħala rapportaġġ in buona fede dwar materja ta' interess pubbliku kif eċċepit fir-raba' paragrafu tar-Risposta u kwindi, m'hijiex diffamatorja. Għalhekk, l-artikolu impunjat m'huwiex diffamatorju u mhux meħtieġ li jiġi mistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjonijiet l-oħrajn sollevati mill-konvenuti fir-Risposta tagħhom.

**Għal dawn il-motivi qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni, tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti fir-Risposta tagħhom li l-pubblikazzjoni impunjata hija dwar materja ta' interess pubbliku u konsegwentement tiċħad it-talba tal-attur Alexander Dalli, bl-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**